MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-15 ta' April, 2010

Numru. 557/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ANNA MARIE MICALLEF**
**KONTRA**

**RAYMOND AZZOPARDI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Raymond Azzopardi ta’ 51 sena, bin Carmelo u Mary nee’ Cortis, mwieled nhar it- 12 ta’ Gunju 1958, residenti 6, La Mirage, Triq Alfons Maria Galea, Iklin u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 413258(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli fit- 2 ta' Awwissu 2007 ghall- habta ta' 5.25am f' Birkirkara By Pass, Msida, saq vettura numru SSL- 111 u b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hil fl-arti jew professjoni jew b' nuqas tat- tharis tar-regolamenti tat- traffiku, nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il- persuna ta' James Marsala skond kif iccertifika Dr. A. Gauci MD ta' MDH.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. Fit-2 ta' Awwissu, 2007, fil-5.20am, l-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu numru SSL-111 fi Triq Dun Karm, B'Kara, maghrufa bhala B'Kara By Pass, fid-direzzjoni minn Hal-Lija lejn Msida. Fl-istess triq, man-naha tas-"centre strip", kien hemm "bowser" tal-ilma tal-Environment Landscaping Consortium (ELC) qed isaqqi l-pjanti mal-istess "centre strip". Ghalkemm jinghad li l-"bowser" kellu d-dwal mixghulin, l-imputat habat f' din il-vettura li kienet ipparkeggjata. Gara, izda, li l-persuna li kienet qed issaqqi l-pjanti allegat li sofriet griehi ta' natura gravi u permanenti b'dan l-incident. Din il-persuna, James Marsala, qalet li l-"pipe" li kien qed isaqqi bih ingibed mill-vettura misjuqa mill-imputat, u hu hassu jingibed u ghalhekk waqa' u sofra l-griehi ndikati. Kien ghalhekk li l-Pulizija mexxiet kontra l-imputat ghal dan l-incident.

Il-Prosekuzzjoni ressqet bhala prova l-affidavit u x-xiehda *viva voce* tas-Surgent PS 1575 Robert Fava, ix-xiehda ta' James Marsala, l-allegat vittma f' dan l-incident, Felix

Fenech, ix-xufier tal-“bowser”, u t-tobba li esaminaw lil Marsala. Gew esebiti dokumenti ohra relattivi, inkluzi r-rapport tal-okkorrenza mill-Pulizija, u c-certifikati medici tal-griehi sofferti minn Marsala. Minn dawn il-provi rrisulta li dak inhar indikat, kien sehh incident fejn l-imputat habat bil-vettura tieghu fil-“bowser” tal-ilma fejn kien qed isaqqi Marsala. Jista’ jkun li l-“pipe” li kien f’ idejn Marsala inqabad mar-roti tal-vetura misjuqa mill-imputat, izda r-ritratti li qalu li kellhom ix-xhieda ma gewx prodotti f’ dan il-process. Li hu zgur hu li c-certifikati esebiti mill-Prosekuzzjoni huma hafna minnhom datati **sena wara l-incident**. Meta gie mistoqsi ghaliex ma kellux certifikati medici aktar qrib id-data tal-incident, it-2 ta’ Awwissu, 2007, Marsala qal li ma kienx jaf li kellu jiehu certifikati lill-Pulizija biex imexxu l-kaz kontra l-imputat. Marsala xehed ukoll li ghamel hafna xhur imur ghal “physiotherapy” u dam aktar minn sena ma jmurx ghax-xoghol. In sostenn ta’ dan, Marsala ipproduca certifikat immarkat bhala Dok JM 4 li juri li f’ Ottubru 2007, hu kien qed jaghmel “physiotherapy” fl-ispalla tax-xellug, u kien sejjer tajjeb. Ghalkemm dan l-istess certifikat ma gie kkonfermat minn hadd, dan hu l-uniku dokument li juri li Marsala seta’ kellu xi griehi fl-ispalla tax-xellug. Dokument iehor, JM 3, ghalkemm datat 22 ta’ Awwissu 2007, m’ghandu x’jaqsam xejn mal-incident *de quo*, izda jirreferi ghal kundizzjoni tal-“asthma” ta’ Marsala. Iz-zewg dokumenti l-ohra esebiti minnu, doks. JM 1 u 2, juru li kellu bzonn “mobilization exercises” fl-ispalla tax-xellug. Dok JM 5 hu d-“discharge note” mill-Isptar Mater Dei.

In difesa, l-imputat xehed minn jeddu li l-“bowser” ma rahx dakinhar tal-incident. Hu qal li ma jiftakarx jekk kellux il-“beacon lights” mixghulin, u ma kienx hemm “cones” mal-art biex jattiraw l-attenzjoni ta’ vetturi gejjin, u l-anqas ma ra li Marsala kien liebes xi forma ta’ “fluorescent protective clothing”. Hu qal ukoll li dak il-hin kien id-dlam, u ghalhekk ma rax il-“bowser” sakemm kien tard wisq u habat fih. Il-Qorti m’hix propensa temmen lill-imputat meta ighid li ma kienx hemm la dawl mixghul, la “cones” mal-art u l-anqas “protective clothing” fuq Marsala. Ir-rapport tal-okkorrenza esebit a fol. 8 tal-process juri li meta l-Pulizija marru fuq il-post sabu l-haddiema liebsin “fluorescent jackets” u d-

dwal tal-“bowser” mixghulin. Il-Pulizija ma semmietx “cones”, izda x-xufier tal-istess “bowser” qal li dawn kienu marbutin mat-trakk, jigifieri kienu mal-art fit-triq marbuta flimkien halli hekk u jsuq, il-“cones” jitkaxkru bil-mod kollha f’daqqa. Jekk kienx dlam jew le dak il-hin tal-jum hu immaterjali. Is-sewwieq ta’ kull vettura ghandu jzomm “a proper lookout” f’kull waqt li qed isuq, u jekk il-visibilita’ hi nieqsa minhabba dlam, jimpingi fuq l-istess sewwieq li jzomm aktar attenzjoni fis-sewqan tieghu. Ghalhekk li l-imputat jipprova jiskolpa ruhu mir-responsabbilta’ ghall-incident billi jallega li kien hemm xi negligenza kontributorja da parti tal-haddiema tal-ELC, meta l-provi kollha juru l-kontra, ma taghmillu ebda gieh. Il-Qorti trid tizen il-provi li ngabu a konjizzjoni taghha u tara jekk effettivament hemmx htija fl-imputat ghal dan l-incident.

Mill-provi kollha prodotti, il-Qorti tara li hi inverosimili ghall-ahhar li Marsala seta’ addirittura wegga’ gravi f’ dan l-incident. Qabel xejn, izda, il-Qorti trid taghmilha cara li – ghal dak li jirrigwarda incident tat-traffiku – dan hu unikament imputabbli lill-imputat u lil hadd aktar. Madankollu, peress illi l-imputat gie mitlub iwiegeb biss ghall-imputazzjoni ta’ griehi gravi involontarji, u mhux ukoll ghal imputazzjoni ta’ sewqan traskurat, jew perikoluz, u ghal dik ta’ hsara involontarja minhabba traskuragni, negligenza u imperizja fis-sewqan tieghu, il-Qorti ghandha biss tillimita ruhha ghall-imputazzjoni ta’ offizi gravi involontarji fuq James Marsala.

Bid-dovut rigward u rispett lejn ix-xhud, il-Qorti ma tistax tara kif Marsala seta’ wegga’ f’dan l-incident. Hu xehed li meta ra l-vettura misjuqa mill-imputat riesqa lejh, beda jxejjer idejh biex jattira l-attenzjoni tas-sewwieq tal-vettura, u meta ra li dan ma ndunax bih, hu qabez ghal fuq il-hamrija fis-“centre strip”. Malli gara hekk, ir-roti tal-vettura misjuqa mill-imputat qabdu mal-“pipe” li kien qed isaqqi bih Marsala u gibduh, bil-konsegwenza li Marsala, li ghal xi raguni inspjegabbli baqa’ jiggranfa b’idu l-leminija mal-“pipe”, ha skoss u waqa’ ‘l quddiem, u b’hekk wegga’ spalltu tax-xellug. Jekk Marsala kellu l-“presence of mind” li jxejjer idejh lejn il-vettura tal-imputat u jaqbez fil-hamrija biex jevita li jintlaqat minnha, ma jaghmilx sens li jibqa’

jzomm "pipe" – li fi kliemu stess kien tqil u mimli ilma – meta dan ha jtellfu milli jiskapula vettura gejja fuqu. Inoltre, hu xehed ukoll li l-habta tal-vettura tal-imputat mal-"bowser" ma kellha x'taqsam xejn mal-griehi li sofra hu. Dan ghar-raguni li l-vettura tal-imputat qabdet mal-"pipe" li kien qed izomm Marsala qabel ma habtet fil-"bowser". Tant hu hekk li Marsala stess xehed li, wara li l-vettura tal-imputat ghaddiet minn hdejh u qabdet mal-"pipe" u gibditu b'kollox, hu ra l-vettura taghmel manuvra u tigbed lejn ix-xellug tat-triq biex tevita l-kollozjoni frontali mal-"bowser", izda xorta habat bil-genb tal-lemin tal-vettura man-naha tax-xellug tal-hadida ta' wara tal-"bowser".

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li Marsala ma setax kien ghadu kemm ingibed mal-art jekk hu ra l-habta ssehh. Ghalhekk ukoll hu inverosimili ghall-ahhar li Marsala sofra griehi – sew gravi kif ukoll hfief – minn dan l-incident. Ma jaghmel ebda sens logiku li persuna, li qed izzomm "pipe" tqil mimli ilma b'idejha t-tnejn, ixxejjer idejha jew id wahda u tibqa zzomm il-"pipe", taqbez gol-hamrija biex tevita li tittajjar minn karozza u tibqa' zzomm il-"pipe", tiehu skoss ghax jingibed il-"pipe" u taqa' mal-art b'tisbita – tant li ssofri griehi gravi – u hi u taqa' tara l-vettura tal-imputat tipprova tevita l-habta mal-"bowser". Hu inspjegabbli kif Marsala wegga' spalltu tax-xellug meta kien qed izomm il-"pipe" b'idu l-leminija. Jista' jkun li Marsala mar izomm milli jaqa' billi hareg idu tax-xellug, izda ma rrisultax jekk it-"tendon" ta' spalltu kellhiex ticrita minn "impact" jew minn "rotation" tad-driegh tax-xellug. Hu indikattiv ferm ukoll li c-certifikat ta' griehi hfief gie prodott lill-Pulizija sena wara l-incident, meta Marsala kien ilu sena ma jidhol ghax-xoghol. Din il-verzjoni moghtija minn Marsala ma hi kredibbli xejn ghall-Qorti, li ghandha suspett li din il-kawza ma kienet xejn hlief tentattiv biex jinkiseb xi forma ta' kumpens minn Marsala u xejn aktar.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 15 (1) (a) (2) tal- Kapitolu 65 u Sec 226 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------